# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 30 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Numru 10**

**Rik. Nru. 1036/11JRM**

Joseph u Josephine konjuġi **FALZON** f'isimhom proprju u bħala leġittimi rappreżentanti ta' binhom minuri Carl Falzon u b'degriet tal-25 ta' Frar, 2016 Carl Falzon assuma l-atti tal-kawża

vs

Emanuel **SCHEMBRI** u Montaldo Insurance Agency Limited (C – 1052) bħala aġent tas-soċjetà estera *American Home Assurance Company*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Ottubru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu lil din il-Qorti (1) ssib li l-imħarrek Emmanuel Schembri waħdu jaħti għall-inċident tat-triq li seħħ fis-6 ta' Novembru, 2006, f'Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq, meta tajjar lill-attur Carl Falzon (dak iż-żmien kien għadu taħt l-età) hu u jsuq il-vettura reġistrata BAD-184, u għad-

danni kollha li l-atturi lkoll ġarrbu minħabba f'dak l-inċident; (2) tillikwida d-danni mġarrba minnhom, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan; u (3) tikkundanna lill-istess imħarrek u lis-soċjetà mħarrka Motaldo Insurance Agency Limited (bħala aġent tas-soċjetà barranija *American Home Assurance Company* fil-vesti tagħha ta' assikuratriċi tal-vettura misjuqa mill-imħarrek Schembri) solidament bejniethom biex iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' Diċembru, 2011 li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin, tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom u appuntat il-kawża għas-smigħ għat-12 ta' Jannar 2012[1];

Rat it-Tweġiba maħlufa mressqa mill-imħarrkin flimkien fit-28 ta' Diċembru 2011 li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li kien jonqos fl-atturi Joseph u Josephine Falzon f'isimhom proprju l-interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem din il-kawża għaliex huma ma kinux imdaħħla fl-inċident mertu tal-każ. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma kellhom jagħmlu tajjeb għall-ebda danni lill-attur l-ieħor billi l-imħarrek Schembri ma kien jaħti bl-ebda mod għal dak li ġara. F'kull każ, qalu li l-atturi jridu jippruvaw (i) ix-xorta ta' danni li qed jgħidu li ġġarrbu u r-rabta tagħhom mal-inċident; (ii) żiedu jgħidu li d-danni mġarrba ("*damnum emergens*") pretiż mill-atturi kien eżaġerat; (iii) li l-attriċi ma jistħoqqilhiex kumpens għal xi danni rikorrenti jekk kemm-il darba ma jaqgħux taħt it-tifsira ta' "*damnum emergens*" jew "*lucrum cessans*";

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Mejju, 2012[2] li bih ħatret lill-kirurgi Lawrence Zrinzo, Eric Farrugia u Ray Debono bħala periti mediċi;

Rat in-noti mressqa mill-atturi fl-14 ta' Ġunju 2012[3], u fis-27 ta' Settembru 2012[4], bix-xhieda b'affidavit mehmużin magħhom;

Rat in-nota tar-rikorrenti mressqa fl-14 ta' Frar 2013[5] bil-provi dokumentali mehmużin magħha;

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[6], li bis-saħħa tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert Mediku l-Kirurgu Eric Farruġia fis-7 ta' Lulju, 2014[7], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-5 ta' Mejju, 2015;

1 Paġ 25 u 26 tal-proċess
2 Paġ 38 tal-proċess
3 Paġġ 44 sa 48 tal-proċess
4 Paġġ 54 sa 56 tal-proċess
5 Paġġ 113A sa 125 tal-proċess
6 Paġġ. 131 – 2 tal-proċess
7 Paġġ. 310 – 3 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2014[8], li bih bidlet *contrario imperio* d-degriet tat-8 ta' Mejju, 2012, billi ħassret il-ħatra tal-Kirurgu Raymond Debono (li naqas li jressaq ir-rapport tiegħu minkejja li kien ilu żmien li eżamina lill-attur Carl Falzon) u ħatret minfloku lill-Kirurgu Francis X. Darmanin bl-istess setgħat u fakultajiet. Fuq talba mressqa mill-atturi nfushom waqt is-smigħ tal-5 ta' Mejju, 2015[9], il-Qorti ħassret il-ħatra mogħtija lill-Kirurgu Darmanin u l-atturi irrinunzjaw għal tali ħatra;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Frar 2016[10] li bih awtorizżat lill-imsemmi Karl Falzon biex jassumi l-atti tal-kawza, iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-20 ta' Ottubru 2016[11];

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Novembru, 2017[12], li bih u fuq talba mressqa mill-imħarrkin, tathom żmien biex iressqu n-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-8 ta' Jannar, 2018[13], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni mġarrba meta persuna ttajret b'daqqa minn vettura hi u taqsam it-triq. L-atturi jgħidu li s-sewwieq tal-vettura waħdu kien jaħti għall-ġrieħi li ġarrab binhom u għad-debilità li ma tgħaddix li se jibqa' jġorr ħajtu kollha. Meta nfetħet il-kawża, l-vittma kien għadu taħt l-età u għalhekk il-ġenituri tiegħu ressqu l-azzjoni f'ismu: hi u miexja l-kawża, l-vittma sar maġġorenni u assuma l-atti tal-kawża;

---

[8] Paġ. 305 tal-proċess
[9] Paġ. 414 tal-proċess
10 Paġ 318 tal-proċess
11 Paġġ 325 sa 336 tal-proċess
[12] Paġ. 343 tal-proċess
[13] Paġġ. 352 – 8 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li kien jonqos fl-atturi Joseph u Josephine Falzon f'isimhom proprju l-interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem din il-kawża għaliex huma ma kinux imdaħħla fl-inċident mertu tal-każ. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma kellhom jagħmlu tajjeb għall-ebda danni lill-attur l-ieħor billi l-imħarrek Schembri ma kien jaħti bl-ebda mod għal dak li ġara. F'kull każ, qalu li l-atturi jridu jippruvaw (i) ix-xorta ta' danni li qed jgħidu li ġġarrbu u r-rabta tagħhom mal-inċident; (ii) żiedu jgħidu li d-danni mġarrba ("*damnum emergens*") pretiż mill-atturi kien eżaġerat; (iii) li l-attriċi ma jistħoqqilhiex kumpens għal xi danni rikorrenti jekk kemm-il darba ma jaqgħux taħt it-tifsira ta' "*damnum emergens*" jew "*lucrum cessans*";

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fis-6 ta' Novembru, 2006, għall-ħabta tas-18.30, l-attur Carl Falzon kien miexi matul Dawret Ħal Għaxaq fl-inħawi magħrufa bħala "*Tal-Qattus*", ftit 'il bogħod minn fejn joqgħod biex imur għal-lezzjoni tal-MUSEUM[14]. Hu u jaqsam it-triq u kien kważi wasal biex jitla' l-bankina tan-naħa l-oħra, intlaqat minn vettura (vann) tal-għamla *Isuzu Elf* reġistrat bin-numru BAD-184 misjuq mill-imħarrek Scicluna, li kellu riekeb miegħu lil ibnu Stefen. Falzon ittajjar minn fuq *zebra crossing* li magħha kellha "*pelican lights*" u mad-daqqa ntilef minn sensieh u baqa' stendut fuq it-triq xi tliet (3) metri 'l quddiem minn fejn waqaf il-vann[15], u madwar tnax-il metru w nofs (12.5m) mnejn kien intlaqat[16]. Il-ħġieġa ta' quddiem tal-vann kienet infaqgħet fuq in-naħa tal-passiġġier[17];

Illi post fejn seħħ l-inċident huwa triq wiesa' għad-dritt b'żewġ karreġġati b'żewġ korsiji kull karreġġata. It-triq dak il-ħin kienet imdawla sewwa bid-dawl artifiċjali minħabba li x'ħin seħħ l-inċident kien wara nżul ix-xemx. Għalkemm xhieda jgħidu li dakinhar kienet niżlet ix-xita, m'huwiex ċar (minħabba li l-Qorti sabet verżjonijiet dokumentati li ma jaqblux ma' xulxin) jekk f'dak il-ħin dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident it-triq kinitx imxarrba jew le[18]

Illi Falzon ittieħed l-isptar dak il-ħin minħabba l-ġrieħi li ġarrab f'rasu u bnadi oħra tal-ġisem u nstab li kien fil-periklu li jitlef ħajtu u nżamm fit-Taqsima tal-Kura Intensiva għal madwar tliet (3) ġimgħat. Huwa nżamm l-Isptar San Luqa b'kollox sat-22 ta' Jannar tal-2007. Dakinhar li ttajjar, Falzon kellu tnax-il (12) sena;

Illi b'riżultat tal-inċident, Falzon ġarrab telf ta' memorja, tbatija biex iħarrek idu l-leminija u biex jikteb meta mqabbel mal-ħila li kellu qabel ittajjar, merk fuq

[14] Affidavit tiegħu f'paġ. 55 tal-proċess
[15] Ara "Dok EQ1", f'paġġ. 179 u 183 tal-proċess
[16] Xhieda Spett. Joseph Aġius, f'paġ. 62 tal-proċess
[17] Dok "RA1", f'paġ. 129 tal-proċess
[18] Xhieda ta' P.S.1386 Anthony Aġius u Dok "JA" u xhieda ta' Mario Buttiġieġ f'paġġ. 66, 70 u 76 tal-proċess meta mqabbla mar-Rapport tal-Espert tat-Traffiku A.I..Ċ. Richard Aquilina, f'paġġ. Dok "RA1", f'paġġ. 128 sa 131 tal-proċess

in-naħa tax-xellug ta' nagħsu u merk ieħor fin-naħa ta' fuq quddiem f'gerżumtu (minħabba l-intervent fit-trakeja li kellu jsirlu dakinhar tal-inċident biex ikun jista' jieħu n-nifs b'mod mekkaniku[19]), roqgħa bla xagħar fil-qurriegħa u ebbusija fix-xedaq li minħabba fiha ma jistax jiftaħ ħalqu sewwa[20];

Illi dakinhar li seħħ l-inċident, infetħet inkjesta mill-Maġistrat tal-Għassa, li fiha nħatru esperti. Wieħed minn dawk maħtura seħħlu saħansitra jikkalkula b'kemm kien qed jinsaq il-vann x'ħin tajjar lil Falzon[21]. Il-Maġistrat Inkwirenti għalqet l-Inkjesta bil-*Proces-Verbal* f'Ottubru tal-2008[22] u ordnat li l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali b'kopja lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Illi l-Pulizija mexxew kontra l-imħarrek u b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Jannar, 2009[23], sabitu ħati tal-akkużi li xlietu bihom u immultatu u issospendietlu l-liċenza tas-sewqan għal sena;

Illi l-imħarrek baqa' dejjem jisħaq li meta kien qed isuq u x'ħin qasam Falzon, id-dawl tal-"*pelican lights*" kien aħdar għall-vetturi;

Illi bejn Jannar u April tal-2009[24], inħarġu ċertifikati mediċi dwar Falzon minn speċjalisti mqabbda mill-atturi fl-oqsma tal-newroloġija, tal-ENT u tal-kirurġija estetika;

Illi din il-kawża nfetħet fl-24 ta' Ottubru, 2011, madwar ħames snin wara li seħħ l-inċident;

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> l-Qorti jidhrilha li għandha tqis qabel xejn il-kwestjoni ta' min għandu jitqies li jaħti għall-inċident u **min irid jerfa' r-responsabbiltà** għal dak li ġarrab Falzon. Għalkemm l-imħarrkin ma ressqux provi f'din il-kawża, jidher li huma jgħidu li Falzon qasam it-triq meta d-dawl kien aħdar għat-traffiku u meta, għalhekk, min ried jaqsam ma messux qasam dak il-ħin;

Illi din il-verżjoni l-imħarrek tenniha sa mill-bidu, u ma kien hemm ħadd li seta' jixhed biex imerih u lanqas biex jikkorroborah. Minkejja li ressaq din id-difiża wkoll fil-proċeduri kriminali mnedija kontrih, dik il-Qorti ma qagħditx għal kollox fuq dik il-linja ta' difiża u ma qisithiex biżżejjed biex teħilsu mill-ħtija kriminali, minkejja li l-grad ta' konvinċiment fi proċedura bħal dik huma ogħla minn dawk fi proċedura ċivili bħal din;

[19] Xhieda tal-Kirurgu Joseph Briffa f'paġġ. 300 – 1 tal-proċess
[20] Ara Dok "JF3", f'paġġ. 17 – 20 tal-proċess
[21] Dok "MB", f'paġġ. 77 sa 109 tal-proċess
[22] Dok "EQ1", f'paġġ. 151 sa 243 tal-proċess
[23] Dok "JF2", f'paġġ. 18 sa 16 tal-proċess
[24] Ara Dokti "JF3" sa "JF5", f'paġġ. 17 sa 24 tal-proċess

Illi f'dan il-każ, għandna quddiemna sitwazzjoni fejn persuna qegħda taqsam triq, wara nżul ix-xemx, fejn it-triq hija mdawla u għad-dritt. Normalment, meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbiltà tal-għemil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun[25]. Dan jingħad ilgħaliex id-determinazzjoni tar-responsabbiltà għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Din ir-responsabbiltà fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma jtajruhiex hi u taqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b'hekk qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jġarrab il-ħtija ta' dak in-nuqqas[26];

Illi huwa llum stabilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq tkun għamlet hekk għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu[27] jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna[28];

Illi huwa stabilit ukoll li sewwieq li jkun qorob lejn *pedestrian crossing* għandu d-dmir doppju li jnaqqas il-ħeffa li jkun qiegħed isuq biha u li jżomm attenzjoni ta' dak kollu li jkun qiegħed iseħħ quddiemu u madwaru, b'mod li jara hemmx nies li juru l-fehma li sejrin jaqsmu jew jekk hemmx nies li diġa' jkunu bdew jaqsmu u jilħaq iwaqqaf fil-ħin[29]. B'żieda ma' dan, fejn il-post minn fejn qegħda taqsam persuna huwa *pedestrian crossing* u fejn ukoll dak il-post huwa mħares b'sistema ta' dwal maħsuba li jiggwidaw lil min qiegħed jaqsam u lil min qiegħed isuq, tiġi waħedha kwestjoni ta' ħarsien ta' regolamenti tas-sewqan li kull waħda mill-partijiet tirregola ruħha skond ma tindikalha s-senjaletika;

Illi issa, fil-każ preżenti, din il-Qorti għandha l-verżjoni (mogħtija fl-Atti tal-Inkjesta Maġisterjali, billi l-imħarrek ma xehedx f'din il-kawża) tas-sewwieq li baqa' jisħaq li, x'ħin għadda jsuq minn fuq il-*pedestrian crossing*, id-dawl kien aħdar għall-vetturi (semma wkoll li, fuq in-naħa l-oħra tal-bankina lejn fejn kien

[25] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Żarb et vs Mauro Overend***
[26] P.A.GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Sammut et vs Robert Demanuele***
[27] P.A.GCD **17.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana***
[28] P.A.GV **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Urpani vs Giaċinto Bartolo***
[29] App.Krim. Inf. VDG **6.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Manuel Spiteri***

sejjer Falzon, kien hemm saħansitra raġel li kien qiegħed jistenna wkoll li jaqsam x'ħin jinbidel id-dawl għall-passanti). Falzon ma kienx f'qagħda li jixhed meta ttajjar u minħabba l-ġrieħi li ġarrab lanqas baqa' jiftakar x'ġara dakinhar tal-inċident. Madankollu, fl-ebda waqt ma ttieħdet ix-xhieda tar-"raġel" li kien qed jistenna biex jaqsam, jew jekk dan kienx hemm tassew. Min-naħa l-oħra, ix-xhieda ta' iben l-imħarrek li kien riekeb miegħu fuq quddiem u li quddiemu nfaqgħet il-ħġieġa ta' quddiem tal-vann malli ntlaqat Falzon ukoll ma kienx f'qagħda li jikkorrobora lil missieru billi qal li għalaq għajnejh u ma ra xejn u li lil Falzon l-ewwel darba li rah kien meta kien stendut mal-art[30]. Ma fissirx x'kien wasslu biex jagħlaq għajnejh, u x'tista' taħseb din il-Qorti li kienet ir-raġuni vera, ma jiswiex biex issejjes il-ġudizzju tagħha;

Illi madankollu, f'dan il-każ, toħroġ ċirkostanza partikolari li fil-fehma tal-Qorti tħoll u torbot kull kwestjoni tar-responsabbiltà. Din tirriżulta mill-istqarrija tal-imħarrek innifsu li qal li, sa ma laqat lil Falzon, ma kienx rah[31], u kif ukoll li sa ma wasal fl-imkien tal-*pedestrian crossing* ma naqqasx fil-veloċità illi kien qed għaddej biha, ħlief meta kien diġà laqat lill-vittma. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti jibdlu l-piż tar-responsabbiltà li ssemma iżjed 'il fuq għal fuq l-imħarrek waħdu. Din il-fehma tissaħħaħ bil-provi li ħarġu mill-inkjesta Maġisterjali u li l-imħarrek ma miera bl-ebda mod. Fost dawn il-provi wieħed isib il-marki tal-*brakes* tal-vann, il-bidu tagħhom u l-fatt li Falzon kien diġà qasam aktar minn nofs il-wisgħa tat-triq meta ttajjar. Hemm xhieda tal-imħarrek li turi li huwa jgħaddi minn dik it-triq aktar minn darba kuljum u, għalhekk, huwa midħla sew tagħha;

Illi, minn kif jidher ċar, fil-parti tat-triq mnejn kien qiegħed jaqsam Falzon, it-triq hija dritta u tagħti viżwali mill-bogħod kemm lis-sewwieqa u kif ukoll lil min ikun irid jaqsam it-triq. Minbarra dan, l-imħarrek innifsu stqarr, mal-Pulizija meta kien qiegħed isir ir-rapport tal-inċident, li kien huwa li tajjar lil Falzon. Dan seħħ meta l-inċident kien għadu kemm sar u meta jidher ċar li l-ħsara li kien ġarrab il-vann ma setax kien ir-riżultat ta' xi ħabta ma' xiħaġa oħra. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi juru biss li, sa ma l-vann tal-imħarrek tajjar lil Falzon, l-imħarrek ma kienx qiegħed iżomm "*a proper look out*". Miżjud ma' din il-konsiderazzjoni, il-Qorti ssib ukoll ċertu grad ta' improbabilità fil-verżjoni tal-imħarrek meta wieħed iqis li Falzon kien diġà qasam karreġġjata waħda (dik li fuqha t-traffiku jkun sejjer lejn il-Gudja) u kien beda jaqsam karreġġjata oħra (dik li fuqha jkun hemm traffiku ħiereġ lejn Bir id-Deheb) li fuqha kien il-vann misjuq mill-imħarrek. F'kull każ, minn fejn kien qiegħed jaqsam Falzon, l-imħarrek ma setax ma jarahx, kieku kien qiegħed attent kif imiss. Ta' min jgħid li jekk inhu minnu li l-imħarrek kien moħħu fid-dawl aħdar tal-"*pelikan lights*", dawn kienu jinsabu wkoll fuq is-"*centre strip*" u

[30] Xhieda tiegħu f'paġ. 233 *tergo* tal-proċess
[31] Xhieda tal-imħarrek fl-Atti tal-Inkjesta, f'paġġ. 232 – 3 tal-proċess

mhux biss fil-ġnub tat-triq[32], u kieku tabilħaqq ħares lejhom kien jintebaħ bilfors li kien hemm persuna li qiegħda taqsam it-triq;

Illi, wkoll minn din il-ġabra ta' provi li joħorġu mill-atti, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrkin ma seħħilhomx juru li Falzon kellu sehem f'dak li ġralu jew jaħti ta' xi kontributorjetà b'mod li xxejjen jew imqar tnaqqas il-ħtija minn fuq min tajru;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-inċident li kien involut fih Falzon, u dan minħabba traskuraġni, nuqqas ta' ħila fis-sewqan u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti. Huwa għandu jagħmel tajjeb għall-ħsarat imġarrba mill-atturi minħabba dak l-inċident;

Illi ma hemm l-ebda dubju li hemm ir-**rabta kawżali** bejn l-inċident u l-ġrieħi li ġarrab Falzon. Dan joħroġ b'mod l-aktar ċar fir-rapport imressaq mill-espert mediku forensiku[33]. Ladarba dan hu hekk, l-imħarrkin – is-sewwieq imħarrek u l-assikuratur tiegħu – iridu jagħmlu tajjeb għad-dannu mġarrab minħabba dawk il-ġrieħi. Intwera wkoll li, minħabba n-natura tagħhom, il-ġrieħi ħallew f'Falzon debilità għal ħajtu kollha;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-**ewwel talba attriċi** hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti se tgħaddi għal-**likwidazzjoni tad-danni** mġarrba mill-atturi. Il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[34], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[35]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[36];

Illi l-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilità dejjiema kkawżata minn dak l-għemil[37];

---

[32] Ara d-Dokti "MB12" u "MB16" f'paġġ. 235 – 6 tal-proċess
[33] Dok "MS fl-Att tal-Inkjesta Maġisterjali f'paġġ. 170 sa 188 tal-proċess
[34] Art. 1031 tal-Kap. 16
[35] Art. 1032(1) tal-Kap. 16
[36] Art. 1033 tal-Kap. 16
[37] Art. 1045(1) tal-Kap. 16

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi qegħdin jippretendu kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*), u kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li Carl Falzon sejjer iġarrab minħabba li baqa' ma fieqx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrab fl-inċident (*lucrum cessans*);

Illi biex il-Qorti tasal għall-kumpens xieraq li l-atturi għandhom jingħataw, trid tasal għall-konklużjoni illi dak li qed jitolbu l-atturi bħala *damnum emergens* ġabu l-prova tiegħu li ntefaq b'riżultat ta' dan l-inċident, filwaqt illi biex tasal għal-likwidazzjoni tal-kumpens għal-*lucrum cessans*, il-Qorti trid tqis it-telf ta' qligħ li l-attur Cartl Falzon seta' beda jbati minn dak inhar tal-inċident sal-lum[38], u dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

Illi għal dak li **jirrigwarda id-*damnum emergens***, il-Qorti tqis li din il-kawża nfetħet meta Carl Falzon kien għadu taħt l-età u nfetħet mill-ġenituri tiegħu kemm bħala rappreżentanti leġittimi tiegħu imma wkoll f'isimhom proprju. Għalhekk, il-Qorti ma tistax tilqa' s-sottomissjoni tal-imħarrkin li, hekk kif Carl Falzon assuma l-atti tal-kawża, intemm l-interess tal-ġenituri tiegħu fl-istess;

Illi l-biċċa l-kbira min-nefqiet taħt din ir-ras ta' danni saru mill-ġenituri, u jikkonsistu f'nefqiet għal xiri ta' mediċini, eżamijiet mediċi fuq Carl u ħlas ta' parkeġġ fl-isptar fiż-żmien li Falzon kien rikoverat fl-Isptar. Dawk in-nefqiet kienu kollha marbuta mal-każ[39]. L-imħarrkin ma ressqu l-ebda rġuni oħra tajba għaliex din il-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba attriċi taħt din ir-ras. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammonti mitluba huma raġonevoli u lkoll jaqgħu fiż-żmien rilevanti wara li seħħ l-inċident;

Illi wara li l-Qorti fliet b'reqqa l-imsemmija dokumenti (safejn dawn kienu jistgħu jinqraw), tasal għall-fehma li s-somma minfuqa pruvata mill-atturi f'dan ir-rigward titla' għal sitt mija u sitta u sebgħin euro u tnejn u tmenin ċenteżmi (€ 676.82) u qiegħda tillikwida din is-somma bħala kumpens dovut lill-atturi taħt din ir-ras;

Illi għal dak li **jirrigwarda l-*lucrum cessans***, l-attur Carl Falzon jidher li jorbot din il-pretensjoni mal-fatt li bata u għadu qed ibati l-konsegwenzi ta' l-inċident. Min-naħa tagħhom, l-atturi l-oħrajn bħala ġenituri tal-attur imġarrab, jippretendu wkoll li ġarrbu danni fil-ġejjieni minħabba dak li għadda minnu binhom, għall-anqas sa ma laħaq l-età;

Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-

[38] PA JSP **31.1.1995** fil-kawżafl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhux appellata)
[39] Xhieda tal-attriċi Josephine Falzon f'paġ. 276 tal-proċess

vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tibgħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[40];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ imġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li meta seħħ l-inċident, l-attur Carl Falzon kien għad għandu biss tnax-il (12) sena u dak iż-żmien kien għadu ma daħalx fid-dinja tax-xogħol, u kien għadu qiegħed jittama li jsegwi linja professjonali partikolari;

Illi, minbarra dan, dan huwa każ fejn il-vittma ġarrbet aktar minn ħsara waħda taħt oqsma differenti mediċi. Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilità li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilità li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. F'dan il-każ, il-perċentwali tad-diżabilità jistgħu jiġu "*weighted*" f'perċentwali globali[41];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li tinqeda b'sistema mħaddem f'oqsma ta' likwidazzjoni tad-danni magħruf bħala *whole person impairment*. Dan is-sistema jitħaddem ukoll fil-Qrati tagħna[42];

Illi din il-Qorti, fil-bidu, kienet ħatret aktar minn espert mediku wieħed, minħabba n-natura tal-ġrieħi li Falzon kien ġarrab. Minkejja tali ħatriet, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, wħud mill-esperti maħtura naqsu li jressqu r-rapporti tagħhom (wieħed minnhom biss ressaq ir-rapport u ħalfu), u din il-Qorti sabitha iebsa li ssib speċjalisti li kienu disposti li jilqgħu l-ħatra. F'waqt minnhom, l-atturi irrinunzjaw ukoll għall-ħatra ta' esperti oħrajn minħabba d-dewmien li dan kien qiegħed iġib biex il-kawża tingħalaq[43];

[40] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.242**)
[41] Ara, per eżempju, P.A. RCP **7.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Bottone vs Rita Saliba et***
[42] Ara, per eżempju, P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Sylvia Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema*** (mhix appellata) u P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Thomas Tanti*** (mhix appellata) u App. Ċiv. **31.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Micallef vs Brian Tyre Services Ltd.***
[43] Ara verbal tal-5.5.2015, f'paġ. 314 tal-proċess

Illi ż-żewġ partijiet ressqu provi ta' rapporti mediċi *ex parte* dwar l-aspetti tal-ħsara mġarrba minn Falzon. F'rapport minnhom imressaq minn konsulent imqabbad mill-atturi[44] u li sar ftit qabel ma nfetħet il-kawża, Falzon tqies li għandu debilità komplessiva li titla' għal erbgħa u sebgħin fil-mija (74%). Min-naħa l-oħra, konsulent imqabbda mis-soċjetà assikuratriċi mħarrka biex teżamina lil Falzon xahrejn wara waslet għall-fehma li Falzon kien qed iġorr debilità komplessiva ta' tlieta u ħamsin fil-mija (53%). Iżda, dan l-aħħar rapport ma kienx iqis l-aspetti ta' ENT li tqies fir-rapport *ex parte* tal-atturi. Min-naħa l-oħra, l-espert mediku maħtur mill-Qorti li ta r-rapport tiegħu u li eżamina lil Falzon f'Ottubru tal-2012, wasal għall-fehma li d-debilità kienet ta' ħamsa u erbgħin fil-mija (45%) imma biss fil-qasam tal-ENT. Mix-xhieda mogħtija mill-konsulent li fassal ir-rapport *ex parte* mitlub mill-atturi[45] ħareġ li huwa għadd b'mod matematiku d-debilità kostatata mill-esperti kollha *ex parte* li kienu ntalbu mill-atturi. Dan huwa mod li ma jħarisx il-metodu maħsub biex wieħed iqis il-"*weighted average*" ta' debilità stabbilit[46]. Min-naħa l-oħra, r-rappoer tal-espert *ex parte* mqabbda mill-kumpannija mħarrka jidher li wettqet il-kejl tagħha b'ħarsien tal-metodu msemmi. Madankollu, ma qisitx aspetti ta' debilità estetika. L-espert tal-Qorti li ta r-rapport tiegħu esklussivament dwar aspetti ta' ENT wasal għall-grad ta' debilità li ssemma qabel u li huwa ogħla mill-grad ta' debilità stabilita f'dak il-qasam mill-espert imqabbad *ex parte* mill-atturi. B'din il-firxa wiesa' ta' kalkoli l-Qorti sejra tqis li għandha torbot mal-istima mressqa mill-espert imqabbad mill-kumpannija mħarrka, b'aġġustament għad-debilità marbuta mal-kirurġija estetika. Għalhekk, sejra tqis li d-debilità komplessiva li Falzon ġarrab fl-inċident mertu tal-każ titla' għal sebgħa u ħamsin fil-mija (57%);

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-imħarrkin fis-sens li d-debilità li ġarrab l-attur Falzon mhux bilfors taffettwah milli jaħdem ta' *accountant*. Dan l-argument huwa ħażin. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, l-attur Carl Falzon kellu jagħżel dik il-professjoni minħabba li bil-ġrieħi li ġarrab fl-inċident fil-waqt partikolari ta' ħajtu, ma kienx f'qagħda li jġib kwalifiki akkademiċi biżżejjed biex jidħol f'kors universitarju li kien jixtieq – dak tal-arkitettura. Fit-tieni lok, għaliex il-ħsara mġarrba mill-attur trid titqies ukoll mill-aspett ta' nuqqasijiet jew telf ta' opportunitajiet li dik il-ħsara tkun ġabet lill-vittma, kif ingħad aktar qabel. It-tħabrik tal-attur li jgħin lilu nnifsu biex jasal ħalli jkun jista' jaqla' l-għixien tiegħu m'għandux ikun raġuni biex l-imħarrkin jibbenefikaw minn tnaqqis ta' kumpens għall-ħsara li ġarrab, għaliex huwa mistenni li l-parti mġarrba tagħmel l-aħjar li tista' biex tnaqqas l-effetti tad-dannu mġarrab minnha. Dak it-tħabrik juri wkoll li, minkejja dak li għadda minnu l-attur Carl Falzon, kien determinat li jimxi 'l quddiem fil-ħajja fil-qafas

[44] Dok "JF3", f'paġġ. 17 sa 20 tal-proċess
[45] Xhieda tal-Konsulent Anthony Galea Debono f'paġ. 76 – 76B tal-proċess
[46] Ara reg 3 tal-"*Linji-gwida għall-Kalkolu tad-Danni f'Każi ta' Mwiet jew Inkapaċità*" maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja fl-2010

tal-limitazzjonijiet fiżiċi u fiżjoloġiċi li l-ġrieħi ġabhulu, u liema sforz jixhed ir-rieda u l-ħila tiegħu li jilħaq dak li jaspira għalih, u li dak li kien jaspira li jilħaq ma kienx biss il-frott ta' xewqa fiergħa maħluqa biex jipprovoka għoti ta' kumpens akbar;

Illi l-Qorti, min-naħa l-oħra, tqis ukoll li Falzon għandu jitqies li bid-debilità mġarrba, se jkun xorta waħda jista' jibni karriera u ħajja tax-xogħol li tagħha jingħata l-ħlas mistħoqq. Għalhekk, meta l-Qorti tillikwida l-kumpens xieraq tkun qiegħda tagħmel dan biex tikkumpensa t-telf li ġġarrab u mhux biex tikkundanna lil min kien jaħti għal dik id-debilità biex jissussidja lill-vittma għal għomorha;

Illi tidħol hawnhekk konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[47]. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[48]. Huwa mgħallem ukoll li "*... the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income*"[49];

Illi huwa stabilit ukoll li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[50], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex

[47] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)
[48] Peter Cane, *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* (6th Edit, 1999), paġ. 122
[49] W.V.H. Rogers The Law of Tort (2nd Edit., 1994) f'paġ. 228
[50] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***

qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[51], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[52], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[53];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u taċ-ċirkustanzi li joħorġu mill-atti tal-kawża, u wara li l-Qorti qabblet il-qagħda tal-attur ma' oħrajn bħalu f'kawżi ta' din ix-xorta[54], il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' erbgħin (40) sena;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ '*lump sum payment'*), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[55]. F'dan il-każ, il-kawża nfetħet madwar ħames snin wara li ġara l-inċident, u sa ma qiegħda tingħata din is-sentenza se jkunu għaddew ftit anqas minn disa' snin minn mindu nfetħet il-kawża. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[56]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' tnejn fil-mija (2%) mis-somma ta' danni likwidati taħt il-kappa tal-*lucrum cessans*;

Illi bħala molteplikand il-Qorti trid tqis il-fatt li meta seħħ l-inċident, Falzon kien għadu taħt l-età u kien għadu ma daħalx fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk, il-Qorti ma kellhiex wisq fuqhiex timxi biex tkejjel dan l-aspett tal-likwidazzjoni. Hemm provi dokumentali li kien beda jikseb kwalifiki fil-qasam tal-*Accountancy*. Madankollu, ma tressqu l-ebda provi dwar xi ingaġġ jew dħul. L-atturi ressqu wkoll dokumentazzjoni jew statistika uffiċjali dwar pagi applikabbli għal kategoriji speċifiċi[57] u kif ukoll dokumentazzjoni dwar l-għamla ta' salarji jew pagi li jitħallsu f'dawk l-oqsma[58]. Din il-Qorti ma tistax ma tqisx kemm l-eżerċizzju li trid tagħmel fih aspetti qawwija ta' spekulazzjoni dwar ħafna kontinġenzi li ħadd ma jista' jobsor kif se jkunu fil-ġejjieni, l-aktar meta l-kejl jirrigwarda vittma li kienet għadha żgħira fl-età meta seħħ l-inċident. Madankollu, b'qies tal-imsemmi tagħrif u wkoll wara li jittieħed qies ukoll tal-aspett tal-inflazzjoni, il-Qorti ssib li l-multiplikand xieraq għandu jkun ta' tnejn u għoxrin elf euro (€22,000) netti fis-sena;

---

[51] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***
[52] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe***
[53] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited***; u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef St John et vs Richard Spiteri et***
[54] Ara App. Ċiv. **3.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Isabelle Borġ et vs Robert Galea et***
[55] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[56] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe***
[57] Dok "MF1", f'paġ. 289 tal-proċess
[58] Dokti AB14" u "AB15", f'paġġ., 262 u 270 – 2 tal-proċess

Illi, għalhekk il-Qorti qiegħda tillikwida lill-attur Carl Falzon is-somma ta' erba' mija u wieħed u disgħin elf ħames mija u tmienja u sittin euro (€491,568)[59] bħala *lucrum cessans* mġarrba minnu fl-imsemmi inċident;

Illi għalhekk għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**, id-danni mġarrba mill-atturi jitilgħu b'kollox għal erba' mija u tnejn u disgħin elf mitejn u erbgħa u erbgħin euro u tnejn u tmenin ċenteżmi (€492,244.82)[60] f'danni mġarrba u telf għall-ġejjieni;

Illi li l-atturi qegħdin jitolbu wkoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata. Minħabba li l-likwidazzjoni qiegħda ssir b'din is-sentenza kull imgħax dovut fuq is-somma likwidata jrid jibda għaddej mil-lum;

Illi għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi**, għandu jingħad li, minkejja l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrkin, il-Qorti ssib li għas-somma likwidata jridu jagħmlu tajjeb kemm is-sewwieq u kif ukoll il-kumpannija assikuratriċi tiegħu. Dik l-eċċezzjoni ma hijiex se tintlaqa' għaliex il-kumpannija mħarrka naqset li tressaq provi li jsostnu dik l-eċċezzjoni. Fit-tieni lok, fil-kwalità tagħha ta' assikuratriċi tal-imħarrek Schembri, hija ġiet imħarrka sewwa mill-atturi, lil hinn mill-arranġamenti kummerċjali li jista' jkollha mal-prinċipali barranin, li, għall-atturi huma *res inter alios acta.* Għalhekk, iż-żewġ imħarrkin għandhom iħallsu s-somma hekk likwidata *in solidum* bejniethom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari u fil-mertu** tal-imħarrkin billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi u** ssib li l-imħarrek Emanuel Schembri waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fis-6 ta' Novembru, 2006, meta waqt li kien qed isuq il-vettura reġistrata BAD-184, tajjar lill-attur Carl Falzon u ġablu ġrieħi li ma jfiqux;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u disgħin elf mitejn u erbgħa u erbgħin euro u tnejn u tmenin ċenteżmi (€492,244.82);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tnejn u disgħin elf mitejn u erbgħa u erbgħin euro u tnejn u tmenin ċenteżmi

[59] (€22,000 x 40 x 0.57 x 0.98 = € 491,568

[60] €491,568 + €676.82 = € 492,244.82

(€492,244.82) flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu, flimkien u solidalment bejniethom, l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Ġunju, 2020**